# IL-GAWWI

*Joe Doublet*

F'Malta, id-dehra tal-gawwi hija marbuta l-aktar max-xhur tax-xitwa, għaliex huwa f'dan l-istaġun li ħafna nies jaraw il-gawwi fil-portijiet tagħna.

L-ispeċi ta' gawwi li jidhru hawn Malta huma: il-gawwija rasha kannella (*black-headed gull*); il-gawwija prima (*herring gull*); il-gawwija daharha iswed (*lesser black-backed gull*); il-gawwija rasha sewda (*Mediterranean gull*); il-gawwija żgħira (*little gull*); u l-gawwija geddumha rqiq (*slender-billed gull*). Minbarra dawn hemm xi speċi oħra, bħall-gawwija geddumha aħmar (*Audouin's gull*), li huma rari f'pajjiżna.

Filwaqt li l-ewwel żewġ speċi ta' gawwi huma komuni, speċjalment fix-xitwa, l-ispeċi l-oħra jidhru f'numru ferm iżgħar minnhom. Il-gawwija rasha kannella tibda tidher f'waħdiet għall-aħħar ta' Novembru u n-numri tagħha jibqgħu jiżdiedu biex jilħqu l-aqwa tagħhom għall-aħħar ta' Diċembru jew il-bidu ta' Jannar. F'dan iż-żmien, l-aktar meta jkun riħ qawwi, wieħed jista' jara mijiet minn dan il-gawwi fil-portijiet ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir fejn jidħlu għall-kenn.

**Il-Gawwija Rasha Kannella** meta tasal Malta tard fil-ħarifa tkun liebsa lbies tax-xitwa, jiġifieri ma jkollhiex rasha kannella. Il-gawwi li naraw ikun jikkonsisti fi frieħ ta' l-ewwel jew tat-tieni sena, kif ukoll xjuħ, jiġifieri li għandhom aktar minn sentejn. Dawk ta' l-ewwel sena jkollhom rashom bajda b'dabra rix sewda wara għajnejhom. Daharhom ikun kannella fil-griż u t-tarf tad-denb abjad ikollu faxx iswed. Dawk tat-tieni sena jkunu waqqgħu ir-rix kannella kważi kollu, u jkunu jixbħu ħafna lix-xjuħ. Ix-xjuħ kif ukoll il-frieħ ikollhom ir-rix tat-truf ta' ġwinħajhom abjad b'burdura sewda u bi ftit abjad fuq l-ewwel żewġ primarji. Minn taħt il-parti ta' barra tal-ġwienaħ ta' din l-ispeċi (sew frieħ kif ukoll xjuħ) jidhru skuri, kważi suwed.

Kemm idumu hawn Malta l-gawwi rashom kannella jbiddlu, u sakemm jiġu biex jitilqu ħafna minnhom ikunu diġa' biddlu r-rix ta' rashom.

**Il-Gawwija Prima** hija l-akbar gawwija komuni li nsibu f'pajjiżna. Barra minn hekk din il-gawwija hija wkoll l-unika waħda li tbejjet fil-Gżejjer Maltin. Il-gawwija prima tieħu erba' snin biex issir xiħa. Meta tkun għadha ferħa, din tkun kollha kemm hi kannella fil-griż. Matul l-ewwel erba' snin, il-gawwija prima tbiddel dan ir-rix f'rix abjad, b'rix griż ċar fuq il-ġwienaħ li jkollhom truf suwed b'tikek bojod fuq in-naħa ta' barra.

**Il-Gawwija Daharha Iswed** tidher l-iżjed bejn Diċembru u Frar, iżda ġieli anke f'Marzu u April. Hija kemmxejn iżgħar mill-gawwija prima. Dawk il-gawwi daharhom iswed li ma jkunux għad għandhom erba' snin ikunu daqsxejn diffiċli biex jingħarfu mill-gawwija prima. Biss meta jkollha aktar minn erba' snin, ir-rix ta' fuq il-ġwienaħ ikunu jew suwed tuta, jew griżi kważi suwed, u ma tantx tista' titfixkilha ma' gawwi ieħor.



FERĦ
XIĦ (Sajf)
XIĦ (Xitwa)
GAWWIJA RASHA KANNELLA
1el xitwa
GAWWIJA RASHA SEWDA
1el xitwa
GAWWIJA DAHARHA ISWED
2ni xitwa
GAWWIJA PRIMA
2ni xitwa
GAWWIJA ŻGĦIRA
1el xitwa
FALZON

**Il-Gawwija Rasha Sewda** tidher f'numri ferm iżgħar mill-gawwija rasha kannella, speċjalment f'dawn l-aħħar snin. Bħall l-ispeċi l-oħra din tidher fix-xhur tax-xitwa. Din il-gawwija tixbaħ ħafna lil dik ta' rasha kannella, u faċli li wieħed jitfixkilhom jekk ma' jkollux ħafna esperjenza. Madanakollu, bi ftit prattika dan il-gawwi huwa faċli li jingħaraf wieħed mill-ieħor. Meta tkun għadha ta' l-ewwel sena l-gawwija rasha sewda jkollha l-ġwienaħ minn fuq jidhru kannella skuri mingħajr abjad, filwaqt li min taħt jidhru ċari. Ix-xjuħ ikollhom ir-rix ta' daharhom griż ċar ħafna mingħajr iswed fil-ponot tar-rix fit-tarf tal-ġwienaħ. Minn taħt il-ġwienaħ jidhru ċari ħafna, kważi bojod.

**Il-Gawwija Żgħira**, għalkemm skarsa, ġeneralment tidher kull xitwa. Kif wieħed jista' jinduna minn isimha din il-gawwija hija iżgħar mill-oħrajn. Meta tkun għadha ferħ ikollha ħafna rix kannella fl-iswed fuq ir-ras, u fuq l-għonq u d-dahar ikun griż. Fuq il-ġewnaħ ikollha faxx iswed forma ta' V maqluba. Meta tilħaq it-tieni sena, ħafna minn dan ir-rix ikun spiċċa jew sar griż skur speċjalment fuq il-ġwienaħ. Fuq ir-ras u fit-truf tal-ġwienaħ tibqa' dabra sewdinija. Dawk adulti jingħarfu mit-truf tal-ġwienaħ li jkunu griżi. Ħaġa oħra li tiddistingwi din il-gawwija minn gawwi ieħor hija li l-ġwienaħ tagħha minn taħt ikunu ta' kulur griż skur ħafna, kważi iswed. Il-ġwienaħ huma wkoll iqsar u ġejjin iktar għat-tond minn ta' gawwi ieħor.




GAWWIJA GEDDUMHA RQIQ

**Il-Gawwija Geddumha Rqiq** tixbaħ ħafna lil dik ta' rasha kannella. Hawn Malta hija kkunsidrata skarsa ħafna, biss peress li tixbaħ ħafna lil dik ta' rasha kannella jista' jkun li dawn jitħalltu u jkunu diffiċli ferm biex jingħarfu, speċjalment fix-xhur tax-xitwa.

Kif wieħed jista' jinnota, il-portijiet tagħna wkoll joffru kenn għal diversi gawwi u ħarġa f'dawn l-inħawi fix-xhur xitwin tlaqqagħna ma' bosta minn dawn l-agħsafar li jagħtu l-ħajja lill-kosta Maltija. Iżda għalkemm dawn l-agħsafar huma kollha mħarsa bil-liġi, anke huma jisfaw vittma ta' mentalità qerrieda meta jinqatlu kontra l-liġi minn fuq dgħajjes u *dingħies* fuq il-baħar viċin il-kosta. ●